# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum, l-Erbgha, 18 ta' April, 2001**

**Citaz. numru: 2340/99 M4 NA**

**Michelle Caruana Dingli**

**vs**

**Gordon Caruana Dingli**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tat-2 ta' Ottubru 2000 fejn titlob li: "dan il-fond jibqa' ghad-disposizzjoni tal-kontendenti t-tnejn b'mod ugwali, li ebda parti ma taghmel xi xoghol fil-fond, u li ebda parti ma tidhol tabita jew tirresjedi fil-fond." - u dana b'riferenza ghall-fond 34/35, Bakery Street, Lija, liema fond (u dan ma jidhirx ikkontestat) huwa parti mill-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi li pero' qatt ma gie okkupat minnhom. Effettivament fis-seduta tat-22 ta' Frar 2001 il-partijiet qablu li din id-dar in kwistjoni minkejja

li kienet intiza biex tkun id-dar matrimonjali bhala fatt qatt ma kienet.

Fir-risposta tieghu tal-10 ta' Novembru 2000 il-konvenut, u dan apparti mill-meritu, jissolleva:

1. "Illi din it-talba ma hijiex kontemplata mil-ligi w imkien fid-dritt Malti ma huwa kkontemplat illi l-Qorti tipprovdi dwar l-okkupazzjoni ta' proprieta' mill-konjugi hlief fir-rigward tad-dar konjugali u biss meta tali dar hija d-dar konjugali u biss biex tiehu konjizzjoni ta' talba ta' xi parti illi tokkupa tali dar *pendente litem* fil-kors ta' kawza ta' separazzjoni.  Jigi rilevat illi t-talba ta' l-attrici tirrigwarda fond illi *ex admissis* ma huwiex u qatt ma kien id-dar konjugali.  Di piu', l-attrici ma hiex qieghed titlob illi tigi awtorizzata tghix fid-dar meritu tal-kawza, izda qieghdha titlob ilil dina l-Onorabbli Qorti ma tippermettix lill-esponent ighix f'din il-proprieta'.
2. Illi jigi rilevat u emfazizzat illi filwaqt illi t-tribunali Maltin jirriservaw ghalihom id-dritt illi, fuq talba ta' persuna interessata, jiehdu konjizzjoni ta' kull kawza fejn xi lezjoni ta' dritt hija allegata, anke f'kazijiet mhux appozitament mahsuba fil-Ligi, l-ordnijiet provizorji

huma eccezzjonali u jezistu biss fejn huma kkontemplati specifikatament fil-Ligi.

3. Illi jigi rilevat illi permezz ta' dan ir-rikors l-attrici qieghdha tipprova tikseb ordni mahsub u regolat fil-Ligi fl-Istitut tal-Mandat ta' Inibizzjoni u dan wara t-talba taghha ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni b'talba identika ghal dik odjerna giet michuda (Mandat Numru 1884/00 fl-ismijiet: "Michelle Caruana Dingli vs Gordon Caruana Dingli")."

Dawn il-punti tar-risposta li jistghu jaffettwaw b'mod dirett it-talba odjerna gew ittrattati fis-seduta fuq imsemmija tat-22 ta' Frar, 2001 u r-rikors gie differit ghad-digriet kamerali f'dan ir-rigward, liema digriet sejjer jinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi dak issollevat mill-intimat/konvenut huwa piu o meno dak li gie ddikjarat minn din il-Qorti f'diversi digrieti precedenti taghha. Effettivament il-mizuri provvizorji u *pendente lite* li huma kkontemplati fl-Artikoli 46, 46A u 47 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma mizuri eccezzjonali ghax sa certu punt u minkejja illi jistghu jigu riveduti fis-sentenza

finali permezz taghhom il-Qorti taghti ordnijiet dwar il-meritu tal-kawza ta' separazzjoni fl-istess waqt li jkun ghadu qed jigi dibattut l-istess meritu.

F'dan l-istadju din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tmur oltre w in vista tar-ragunijiet fuq moghtija tiddikjara illi t-talbiet attrici, almenu kif imposti, ma jistghux jigu milqugha ovvjament minghajr pregudizzju ghad-drittijiet futuri li jistghu jkollhom l-istess partijiet naxxenti minn xi amministrazzjoni hazina tal-komunjoni ta' l-akkwisti da parti ta' wiehed jew l-ohra.

L-ispejjez huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.